MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2011

Numru 923/2011

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Frans Micallef)**

**vs.**

**ANTHONY FARRUGIA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Farrugia ta’ tlieta u erbghin (43) sena bin Joseph u Gaetana nee’ Micallef, imwieled Zabbar, li joqghod fil-font Nru. 28, Garden Street, Zabbar u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru: 6168(M), akkuzat:

1) Talli fil-Fgura nhar it-8 ta’ Marzu 2011 ghal habta tal-10.00pm, ikkaguna feriti ta’ natura gravi, kif ikkontemplat fl-Artikoli 214 sa 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq il-persuna ta’ martu Lisa Farrugia, llum minnha sseparat.

2) Talli ukoll fl-istess data hin u cirkustanzi, injora jew hedded lill-istess Lisa Farrugia b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

3) Talli ukoll fl-istess data hin u cirkustanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor jibza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta'xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1).

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-imsemmija Liza Farrugia, billi flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti (Section 383 Kapitolu 9).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Semghet lil Lisa Farrugia, fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2011, tiddikjara illi kienet lestha li tahfer lil Anthony Farrugia ghal dak li kien ghamel u xtaqet li l-istess Anthony Farrugia ihallieha bi kwieta.

Semghet lill-imputat, fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2011, jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati, l-ammissjoni tal-imputat f'dawn il-proceduri, il-fedina penali tal-istess imputat, id-dikjarazzjoni ta' Lisa Farrugia li kienet lestha li tahfer lill-istess imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216, 217, 222(1), 251(B) u 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, fil-fehma tal-Qorti, jissusistu cirkostanzi ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk il-Qorti tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sentejn millum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

*In oltre*, b'applikazzjoni ta' Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti torbot lill-hati b'garanzija personali ta' € 1000 (elf Euro) fil-konfront ta' Lisa Farrugia ghal zmien sena millum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Protezzjoni skond id-digriet hawn anness.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------